

# Sebgħin sena ilu

Fil-Ħamis tal-Ottava tal-Għid il-Kbir id-9 ta' April ts-sena 1942 f'jum mill-iktar iswed fit-Tieni Gwerra Dinjija, Malta ġiet ibbumbardjata mill-qawwa tal-għadu. Il-Knisja Arċipretali ddedikata f'ġieħ Ommna Marija Mtellgħa s-Sema fil-Mosta fil-4.40 ta' filgħaxija ġiet milquta mill-bomba li ma splodietx u mingħajr ma ntlaqat ħadd mill-knatan li niżżlet magħha. Disgrazzja ikbar ġiet evitata bil-protezzjoni maternali ta' Marija Assunta u bir-raġun kollu l-Mosta tibqa' tfakkar dan il-jum ta' kull sena biex dejjem tiftakar fl-imħabba u l-protezzjoni tal-Patruna tagħha.







L-għadu ma kienx kuntent b'ħajjiet in-nies biss. Ħalef li, ġaladarba kien qed ibati biex jirkeb u jirbaħ lil gżiritna, jagħmilha borġ ġebel, itellef sbuħitha u ma jħalliha qatt terġa' terfa' rasha. Il-Gvernatur Sir W. Dobbie fil-bidu tal-gwerra kien ħa dan il-messaġġ: *'Il-monumenti storiċi tagħkom, il-katidrali u l-knejjes qed jiġu mġarrfin u mżebilħin mill-barbari'*. Dan il-kliem ingħad fil-25 ta' Mejju 1941, liema kliem seta' ntuża sena wara meta l-għadd ta' djar, palazzi u knejjes imġarrfa kien bla qies.

Fid-9 ta' April 1942, waqt ħbit mill-ajru għall-habta ta' 4.40pm, l-għadu kellu jolqot vittma li min jaf x'fissret u x'għadha tfisser għall-poplu tal-Mosta.

Kien il-Ħamis u bħal kull Ħamis ieħor, kellha ssir l-*Ora Santa*. Kien hemm ħafna nies (jingħad madwar tliet mitt ruħ), fosthom ħafna xjuħ u morda li, billi ma kinux jifilħu jinżlu fix-xelter, kienu jserrħu rashom mill-kenn tal-knisja. L-għadu, li la kellu lejl u lanqas nhar, deher riesaq fil-ħin li kellha tibda s-Siegħa. Xi ftit nies laħqu dabbru rashom għall-kenn tal-blat iżda l-ħbit kien għal għarrieda, tant li ħafna baqgħu fil-Knisja.

Tliet *bombers* Ġermaniżi qabdu r-rotta għal fuq Ta' Qali, iżda, issikkati minn *fighters* Ingliżi, ħattew il-bombi fuq ir-raħal biex idabbru rashom. Waħda minn dawn il-bombi li kienet tiżen 500 libbra, sfrondat il-koppla, ħabtet xi darbtejn mal-ħitan u fl-aħħar strieħet f'nofs il-knisja.

Fit-tempju waqgħet dalma kbira bit-trab u l-laqx li waqgħu. Wara li għadditilhom l-ewwel ħasda, dawk l-imsejkna li kienu hemm ġew fittxew il-bieb. Ġrew qalb iċ-ċnagen biex jeħilsu mill-isplużjoni li kienu qed jistennew minn waqt għall-ieħor. Ix-xelter tal-pjazza mtela daqs bajda, kulħadd imbikkem u mwerwer jistenna tifqigħ ikreh.

Iżda ma kienx miktub li t-tempju ta' Marija, wirja u xhieda tal-fidi ta' missirijietna, jisfa ħerba f'dak il-jum. Bombi oħra, uħud iżgħar, sabu ruħhom fuq iz-zuntier u l-frontispiżju, iżda ma ikkaġunawx ħsara kbira.

Aktar tard dakinhar il-Gvernatur Dobbie, li ġie fuq il-post, ordna lill-Mons. Sciberras biex jagħlaq il-knisja waqt li bagħat l-ajjutant tiegħu stess biex iċempel għall-Bomb Disposal Officer.

Meta l-bomba nifdet il-koppla ħabtet mal-lunetta ta' Kristu mal-Appostli. Din il-lunetta saritilha ħsara konsiderevoli u wara ġiet irrestawrata mill-pittur il-Kav. Rafel Bonnici Calì. Imbagħad tgerbet 'l isfel mal-ħajt u tramblet bil-mod il-mod sakemm waqfet ftit passi bogħod mill-pulptu.

Skont xiehda li għadhom ħajjin, ftit qabel ma waqgħet il-bomba, il-fidili ħassew li għandhom iwarrbu min-nofs u jinġabru malajr fis-sagristijit u l-kurituri li jwasslu għalihom. Qatt qabel ma kienu għamlu hekk u mnalla għax skansaw il-ġebel kollu li waqa' mill-koppla. B'hekk wieħed jara l-grazzja straordinarja li Alla u l-Madonna għoġobhom jagħtuna u li tagħha kull Mosti għandu jibqa' rikonnoxxenti għal dejjem. Kull sena nhar id-9 ta' April inkantaw *TE DEUM* lil Alla b'radd il-ħajr.

---


***Referenza:***

Knisja Arcipretali Santwarju Mosta – 'L-istorja tal-Mosta.'